MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Mandat Numru. 670/2012/1

**Dr. Louis Buhagiar**
**( I. D. Nru. 430554 (M))**

**vs**

**Kunsill Mediku Malti**

Il-Qorti,

Rat il-mandat fuq indikat datat il-15 ta’ Mejju, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti bil-gurament tieghu espona sintetikament is-segwenti biex jittutela d-drittijiet tieghu u b’hekk izomm lill-Kunsill intimat:

1. Milli jaghti decizjoni fid-data ndikata fl-istess mandat de quo, u dan, fi proceduri mehuda fil-konfront tar-rikorrenti;

2. Illi in effetti l-Kunsill de quo kien precedentement iddecieda l-istess vertenza u kkomunika mar-rikorrenti billi ufficcjalment infurmah li ma kienx ser jiehu azzjoni ulterjuri f'dan il-kaz fil-konfront tal-istess rikorrenti;

3. Illi nonostante din id-decizjoni tal-Kunsill intimat, ir-rikorrenti xorta wahda sab ruhu akkuzat fuq l-istess fatti quddiem l-istess Kunsill intimat, u b'hekk l-imsemmi Kunsill allura jikser il-principju tan-" ne bis in idem";

4. Illi in vista tal-premess id-decizjoni tal-istess Kunsill intimat allura hi bi pregudizzju tal-ligi li biha gie imwaqqaf il-Kunsill de quo stante li dan ser jiddeciedi kaz li m'ghandux gurisdizzjoni fuqu;

5. Illi jirrizulta li qabel il-procedura odjerna kienu gia` nbdew proceduri ohra fil-konfront tar-rikorrenti quddiem l-istess Kunsill, stante ilment hemm gia` ntavolat, liema lment kien gie rigettat;

6. Illi tenut kont tas-suespost, il-Kunsill intimat m'ghandux gurisdizzjoni aktar li jisma' l-kaz odjern stante li gia` kien debitament ezawrit;

7. Illi l-istess Kunsill intimat kien gia` kkonkluda li fl-operat tieghu r-rikorrenti ma naqasx, la etikament jew professjonalment fil-konfront tal-lanjanti;

8. Illi se mai, il-kwistjoni hi wahda purament ta' natura civili fejn il-kwistjoni kellha tigi mressqa quddiem il-qrati ordinarji, liema azzjoni qatt ma tressqet;

9. Illi ghaldaqstant, taht dawn ic-cirkostanzi, ir-rikorrenti jitlob li l-Kunsill intimat jigi inibit milli jaghti decizjoni fil-konfront tieghu;

Rat id-digriet provizorju taghha datat il-15 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu:

1. Laqghet provizorjament it-talba tar-rikorrenti;

2. Ordnat in-notifika tar-rikors de quo lill-Kunsill intimat;

3. Ikkoncediet erbat ijiem zmien minn notifika tar-rikors promotur ghar-risposta; u

4. Appuntat l-istess ghas-smiegh fid-data hemm indikata;

Rat ir-risposta tal-Kunsill intimat datata t-18 ta’ Mejju, 2012, li sintetikament espona s-segwenti:

1. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-Kunsill intimat kien infurmah li ma kienx ser jiehu azzjoni kontra tieghu hi zbaljata;

2. Illi fir-rigward l-istess Kunsill jikkonferma li effettivament kien kiteb lill-intimat fis-17 ta’ Novembru, 2008, fejn informa lill-intimat li “ … ma kienux ser jittiehdu passi kontra tieghu …”, (ara fol 13);

3. Illi pero` l-istess Kunsill jirribadixxi li fis-6 ta’ Lulju, 2009, kien kiteb lir-rikorrenti biex jgharrfu li wara nformazzjoni gdida li kien ircieva, kien issa qed jitlob il-kummenti tar-rikorrenti fir-rigward; u li effettivament, ikkonceda lir-rikorrenti ghoxrin (20) gurnata ghal dan;

4. Illi jirrizulta li nforma lir-rikorrenti wkoll li kemm –il darba jonqos li jwiegeb fit-terminu fuq indikat, dan ma kien ihalli l-ebda alternattiva lill-Kunsill de quo hlief li “ … jiehu azzjoni u jiftah l-inkjesta skont il-ligi”, (ara fol 14);

5. Illi r-rikorrenti naqas li jwiegeb ghal din l-informazzjoni gdida u konsegwentement il-Kunsill ikkostitwixxa ruhu f’Bord ta’ Inkjesta u fil-15 ta’ Settembru, 2009, informa ufficcjalment b’dan l-izvilupp lir-rikorrenti;

6. Illi allura l-vertenza in dizamina mhix cirkoskritta fil-limiti tal-principju tan-“ne bis in idem”;

7. Illi di piu`, l-istess rikorrenti ma jistax isostni li hu injar ghal kollox minn din il-procedura stante li jirrizulta li hu attenda ghall-ewwel udjenza tal-Bord de quo li kienet mizmuma fis-26 ta' Ottubru, 2009;

8. Illi in oltre, jsostni li l-Kunsill intimat ghandu r-responsabilita` li darba kolpit b'ilment, ghandu d-dover li jinvestiga l-istess fl-interess tas-sewwa, u li fir-rigward, l-istess Kunsill agixxa fil-parametri tal-ligi;

9. Illi nonostante li l-intimat irrikjama li qed jigi pregudikat bil-procedura in dizamina, fl-ebda hin ma wera jew indika x'jistghu jkunu dawn il-pregudizzji rikjamati;

10. Illi in vista tal-premess ir-rikorrenti qatt ma jista' jressaq jew jottjeni l-mandat hawn minnu rikjamat, molto piu`, stante li l-ezitu tal- Bord in dizamina jista' wkoll ikun wiehed favorevoli ghalih, u konsegwentement, din l-azzjoni hi effettivament wahda intempestiva;

11. Ghaldaqstant, it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumentazzjoni esebita;

Ikkunsidrat:

Illi fil-meritu din il-procedura hi regolata mis-sub-Titolu V tat-Titolu VI tat-Tielet Ktieb tal-Kap 12;

Illi sintetikament l-iskop tal-hrug tal-mandat, (t'inibizzjoni), hu li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun ta' pregudizzju rrimedjabbli ghar-rikorrenti, (ara artikolu 873 (1) tal-Kap 12);

Illi di piu`, il-livell ta' gwardja stabbilit mill-istess artikolu subinciz 2 hu dak li r-rikorrenti:

"prima facie" jidher li ghandu dawk il-jeddijiet";

Ikkunsidrat:

Illi dak li jirrizulta in sintesi jista’ jigi ghalhekk sintetikament espost bil-mod segwenti:

1. Illi l-Kunsill intimat kien ircieva lment fil-konfront tar-rikorrenti fejn wara li kkonduca ezami dettaljat tac-cirkostanzi tal-kaz u wara li kien ezamina l-informazzjoni kollha fil-pussess tieghu kien, permezz t’ittra datata s-17 ta’ Novembru, 2008, informa lir-rikorrenti li ma kienx ser jippersisti bil-kwistjoni, (ara Dok. KM 1);

2. Illi sussegwentement, permezz ta’ ittra ohra datata s-6 ta’ Lulju, 2009, l-istess Kunsill intimat kien informa lir-rikorrenti li a bazi t’informazzjoni gdida lilu moghtija mill-familja Ferrando, kien issa qed jitlob ghall-veduti tar-rikorrenti fir-rigward u, kemm –il darba l-ebda risposta ma tigi ntavolata fi zmien hemm lilu koncess, il-Kunsill ma jkollu l-ebda alternattiva hlief li jipprocedi bl-investigazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti jirrizulta li r-rikorrenti ma ntavola l-ebda risposta fir-rigward u jsostni li ma jafx li rceva tali ittra;

Illi pero’ nonostante dan, jirrizulta assodat stante li bl-ebda mod ma gie kontradett mir-rikorrenti, li ta’ l-anqas, hu kien prezenti ghall-ewwel udjenza tal-Bord ta’ Inkjesta mizmuma fis-26 t’Ottubru, 2009;

Illi ghalhekk l-allegazzjoni riprodotta permezz tal-procedura odjerna li seta’ kien sorpriz bl-azzjoni de quo ma treggix;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-allegazzjoni tal-ksur tal-principju tan-“ne bis in idem” ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

1. Illi hu ormai pacifiku li hadd ma jista' jigi processat jew ikkastigat ghall-reat li ghalih ikun gia` gie hekk ipprocessat jew ikkastigat;

2. Illi pero` dan il-principju jestendi biss sal-limiti li tali process jew kastig ikun jirrigwarda l-istess fatti wtilizzati u riferiti fil-procedura anterjuri;

3. Illi meta jirrizultaw fatt godda, dan il-principju ma jreggix ghalix altrimenti tkun qed tigi perpetrata ngustizzja serja;

4. Illi fil-kaz odjern jirrizulta s-segwenti:

i. Illi rizultat tal-ewwel ilment il-Kunsill intimat effettwa ezami dettaljat u ddecieda li ma jkomplix bil-kaz;

ii. Illi sussegwentement qed jallega li rceva nformazzjoni gdida li tidher li hi ta' mportanza tali li twassal lill-istess Kunsill li jerga' jiftah il-procedura de quo u jerga' jinvestigaha;

iii. Illi ovvjament hadd mill-partijiet fil-vertenza odjerna ma ndirizza din ir-rizultanza gdida kemm ghaliex din il-procedura mhix il-forum idoneu ghal dan, kemm ghaliex il-forum idoneu hu biss il-Bord ta' Inkjesta taht l-awspici tal-Kunsill rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk huwa korrett il-Kunsill intimat li jsostni li fil-mument odjern dan mhux kaz ta' "ne bis in idem", molto piu`, stante li la din il-qorti u lanqas ir-rikorrenti ma huma nfurmati bir-rizultanzi prezentement f'idejn l-istess Kunsill, liema nformazzjoni ghandha f'dan l-istadju ovvjament prematura;

Ikkunsidrat:

Illi di piu`, stante li jirrizulta li r-rikorrenti kien infurmat bl-izviluppi li kienu sehhew fl-2009, anke billi jirrizulta li

ppartecipa fil-procedura sussegwenti li kienet inbdiet, l-azzjoni odjerna ntavolata mir-rikorrenti ma treggix;

Illi di piu`, finalment, ghandu jinghad li tali procedura in dizamina tista' tintlahaq biss kemm –il darba jkun hemm pregudizzju rrimedjabbli fil-konfront tar-rikorrenti jekk il-preokkupazzjoni tieghu tintlahaq;

Illi f'dan l-istadju tal-procedura ghandu jkun ovvju li dan ghadu biss ipotetiku, haga li l-ligi ma tissancix;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, filwaqt li takkolji r-risposta tal-Kunsill intimat, tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti Dr. Louis Buhagiar, bl-ispejjez.

_______________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------